# KAPITOLU 233

## ATT DWAR IT-TRANSAZZJONIJIET ESTERNI

*Biex jistabbilixxi qafas għall-liberazzjoni ta' transazzjonijiet esterni u biex jipprovdi dwar il-kollezzjoni ta' informazzjoni li għandha x'taqsam ma' dan.* *Sostitwit: IX. 2003.30.*

29 ta' Diċembru, 1972;
1 ta' Frar, 1973

*L-ATT XLIX ta' l-1972, kif emendat bl-Atti XXIV ta' l-1973 u LVIII ta' l-1974; bl-Avviż Legali 148 ta' l-1975; bl-Atti: XXII ta' l-1976, XXXI ta' l-1981, II ta' l-2002, III u XIII ta' l-2004, II ta' l-2005 u I ta' l-2007; u bl-Avviż Legali 411 ta' l-2007.*

TAQSIMA I

PRELIMINARI

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni. Titolu fil-qosor. *Emendat: IX. 2003.32.*

**2.** (1) F'dan l-Att kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra - Tifsir. *Emendat: II. 2002.34. Sostitwit: IX. 2003.33. Emendat: III. 2004.109; XIII. 2004.59; I. 2007.52; A.L. 411 ta' l-2007.* Kap. 371.

"assi eliġibbli" tfisser depożiti kif imfissra fl-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, titoli inklużi ishma u *stock* fil-kapital ta' kumpannija, *debentures*, ċertifikati ta' depożitu, *bonds*, noti u kull istrument ieħor li juri li hemm xi forma ta' debitu, unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv, poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u *annuity* għal żmien twil kemm jekk dawn ikunu *index-linked* kemm jekk ma jkunux, metalli prezzjużi, ingotti, *warrants*, opzjonijiet, *futures* u derivattivi oħra kif ukoll kull strument ieħor finanzjarju li jsir għal finijiet ta' investiment, kif ukoll tinkludi kull assi oħrajn skond ma jista' jiġi stabbilit minn żmien għal żmien mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta;

"il-Bank Ċentrali" tfisser il-Bank Ċentrali ta' Malta imwaqqaf taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta; Kap. 204.

"ħlas" tfisser -

(*a*) avveniment li, għal kollox jew biss f'parti, jaqta' d-debitu ta' ammont ta' flus bejn persuna residenti u persuna mhux residenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' transazzjoni esterna;

(*b*) kull trasferiment ta' fondi, sew b'kontijiet jew bi flus likwidi, bejn Malta u pajjiż barrani li jsir minn persuna residenti li tittrasferixxi fondi lejn jew iġġib lura fondi mill-kont tiegħu li jkollu barra l-pajjiż;

(*ċ*) kull trasferiment ta' fondi f'xi kont jew bi flus likwidi bejn Malta u pajjiż barrani li fih kemm il-prinċipal kemm il-benefiċjarju jkunu t-tnejn li huma persuni residenti;

(*d*) kull trasferiment ta' fondi f'munita barranija li jsir

f'Malta bejn persuni residenti;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"munita barranija" tfisser kull nota, munita, ċekk, *draft, travellers' cheque,* ittra ta' kreditu, nota promissorja, kambjala, *voucher,* karta ta' kreditu jew ta' debitu jew kull *card* jew mezz ieħor fejn jiddaħħal valur permezz ta' metodi elettroniċi jew manjetiċi u li kull persuna mhux speċifikata tkun tista' tuża biex tħallas bihom minflok muniti, jew xi mezz ieħor ta' ħlas kif espress fil-munita ta' xi pajjiż li ma jkollux valuta legali f'Malta u riferenzi f'dan l-att għal munita barranija jinkludu riferenzi għal kull dritt li tiġi riċevuta meta hekk tintalab munita barranija għar-rigward ta' kull kreditu jew bilanċ f'kull istituzzjoni ta' kreditu tkun fejn tkun;

"persuna mhux residenti" tfisser:

(*a*) persuna, korp magħqud jew entità oħra li ma tkunx persuna residenti;

(*b*) xi *trustee* residenti skond *trust* meta xi ħadd mill-benefiċjarji ma jkunx residenti u fil-każ ta' *trust* diskrezzjonarju, meta s-setgħa tal-ħatra jew xi diskrezzjoni tkun tista' tiġi eżerċitata favur xi persuna mhux residenti;

"persuna residenti" tfisser:

(*a*) persuna naturali minkejja ta' liema nazzjonalità tkun, li jkollha ċ-ċentru ta' interess ekonomiku tagħha ordinarjament jinsab f'Malta u li kienet toqgħod jew ikollha l-ħsieb li tkun toqgħod f'Malta għal żmien kontinwu ta' sena;

(*b*) korp magħqud fi jew taħt il-liġijiet ta' Malta jew ta' Stat Membru jew entità li topera jew li tkun xort'oħra reġistrata f'Malta jew fi Stat Membru;

(*ċ*) kull *trustee* skond *trust* li l-post tar-residenza ordinarja tiegħu jkun barra minn Malta jew xi Stat Membru iżda meta l-benefiċjarji kollha tat-*trust* ikunu determinati u jkunu residenti u fil-każ ta' *trust* diskrezzjonarju meta s-setgħa tal-ħatra jew xi diskrezzjoni tkun tista' tiġi eżerċitata biss favur persuni residenti;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru ta' l-Unjoni Ewropea;

"strumenti monetarji" tinkludi ċekkijiet, *drafts* jew t*ravellers' cheques*, ċertifikati anonimi jew *bearer* ta' xorta finanzjarja jew monetarja li jistgħu jiġu konvertiti fi flus likwidi, irrispettivament minn min ikun ħariġhom, u b'mod partikolari, titoli u strumenti negozjabbli u oħrajn, kemm jekk ikollhom l-euro bħala denominazzjoni jew xi munita barranija;

"transazzjonijiet esterni" tinkludi kemm il-kapital kemm transazzjonijiet korrenti li jkunu jinvolvu operazzjonijiet bejn persuni residenti u persuni mhux residenti jew entitajiet oħrajn, sew f'Malta sew barra minn Malta, u jistgħu wkoll jinkludu operazzjonijiet li jkunu jinvolvu munita barranija minn xi residenti jew bejn residenti;

"transazzjonijiet kapitali" tfisser transazzjonijiet esterni li joriġinaw mit-trasferiment jew il-moviment ta' kapital u tinkludi:

(*a*) trasferimenti ta' proprjetà immobbli;

(*b*) investimenti diretti;

(*ċ*) il-ħruġ, bejgħ jew ix-xiri ta' titoli inklużi ishma u *stock* fil-kapital ta' kumpannija, *debentures*, ċertifikati ta' depożitu u kull istrument ieħor simili li jkun juri li hemm xi debitu;

(*d*) il-ħruġ, bejgħ jew ix-xiri ta' unitajiet fi skema ta' investiment kollettiv, poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u *annuity* għal żmien twil kemm jekk dawn ikunu *index-linked* kemm jekk ma jkunux;

(*e*) is-self, tislif u l-ħlas jew li tiġi riċevuta amortizzazzjoni fuq is-self;

(*f*) l-għoti ta' garanziji jew xi għamla oħra ta' titolu biex isir il-ħlas;

(*g*) *warrants*, opzjonijiet, *futures* u derivattivi oħra kif ukoll kull strument ieħor li jsir għal finijiet ta' investiment;

(*h*) depożiti li jsiru f'istituzzjonijiet ta' kreditu;

(*i*) għotjiet u gratifikazzjonijiet; u

(*j*) kull tip ieħor ta' transazzjoni li l-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali, jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta;

"transazzjonijiet korrenti" tfisser transazzjonijiet esterni li joriġinaw minn tmexxija korrenti u tinkludi:

(*a*) il-kummerċ esteru ta' oġġetti u servizzi inklużi ħlasijiet ta' mgħax, dividendi, *royalties*, qligħ investit mill-ġdid u profitti mqassma;

(*b*) ħlasijiet oħra kummerċjali korrenti li joriġinaw minn servizzi, kummerċ bankarju fuq medda ta' żmien qasira u faċilitajiet ta' kreditu; u

(*ċ*) ħlasijiet lura għall-ispejjeż tal-għajxien tal-familja;

"it-Trattat" għandha l-istess tifsira mogħti lilha mill-Att dwar l-Unjoni Ewropea; Kap. 460.

"Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika" tfisser l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika mwaqqaf taħt l-Att dwar l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta; Kap. 422.

"Unjoni Ewropea" tfisser l-Unjoni Ewropea msemmija fit-Trattat.

(2) Il-Ministru jista' jaħtar lill-Bank Ċentrali biex jagħmilha ta' aġent għall-istess Ministru għal xi skop wieħed jew aktar ta' dan l-Att, iżda ħatra bħal dik għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju ta' kull poter bħal dak mill-Ministru.

(3) Għal dak iż-żmien sakemm il-Bank Ċentrali jiġi maħtur aġent tal-Ministru taħt is-subartikolu (2), kull riferenza f'dan l-Att

għall-Ministru għandha, fil-qies u bla ħsara għall-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' dik il-ħatra, titqies bħala li tinkludi riferenzi għall-Bank Ċentrali. Għandu jiġi pubblikat avviż ta' kull ħatra bħal dik, u ta' kull revoka tal-pattijiet u l-kondizzjonijiet fihom ta' dik il-ħatra jew bidla fihom, fil-Gazzetta.

## TAQSIMA II

### LIBERALIZZAZZJONI U MIŻURI TA' SIGUREZZA

Liberalizzazzjoni. *Sostitwit: IX. 2003.33.*

**3.** Kemm-il darba ma jiġix xort'oħra speċifikat permezz ta' regolamenti jew ordnijiet maħruġa mill-Ministru taħt l-artikoli 4 u 5 it-transazzjonijiet esterni kollha u ħlasijiet relatati jistgħu jsiru mingħajr ebda restrizzjoni.

Restrizzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali. *Sostitwit: IX. 2003.33.*

**4.** (1) Meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Ministru jista', bir-rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali, jagħmel regolamenti li jkunu jimponu dawk ir-restrizzjonijiet fuq transazzjonijiet kapitali u ħlasijiet relatati, sew ta' xorta speċifika jew ġenerika, skond ma jistgħu jitqiesu meħtieġa:

Iżda dawk ir-restrizzjonijiet ma għandhomx ikunu imposti għar-rigward ta' Stat Membru.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1), għandhom jitqiesu li jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali meta l-Ministru li jaġixxi bir-rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali, jiddikjara li:

(*a*) jkun hemm xi kriżi immedjata fil-bilanċ tal-pagamenti ta' Malta; jew

(*b*) movimenti ta' kapital lejn jew minn Malta ikunu qed jikkaġunaw jew jheddu li jikkaġunaw diffikultajiet serji għall-istabbilità tas-sistema finanzjarja.

(3) Regolamenti magħmulin taħt is-subartikolu (1) għandhom jiġu revokati mill-Ministru mingħajr ebda dewmien hekk kif ir-raġunijiet li jkunu taw lok għal dawk ir-restrizzjonijiet itemmu milli jibqgħu jeżistu u, f'kull każ, ma għandhomx jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li jeċċedi s-sitt xhur.

Sanzjonijiet. *Sostitwit: IX. 2003.33.* Kap. 365.

**5.** Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 4 u 5 huma mingħajr preġudizzju għas-setgħat mogħtijin mill-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali, li jiġu imposti kontrolli jew restrizzjonijiet fuq kapital jew transazzjonijiet oħra jew ħlasijiet relatati għar-rigward ta' xi stat, persuna jew grupp ta' persuni sew jekk dan ikun joriġina mill-obbligi internazzjonali ta' Malta taħt iċ-*Charter* tan-Nazzjonijiet Uniti, mit-Trattat jew xort'oħra unilateralment sabiex jitħarsu l-interessi nazzjonali ta' Malta.

## TAQSIMA III

### ĠABRA TA' INFORMAZZJONI U AĊĊESS GĦAR-*RECORDS*

Talba għal informazzjoni. *Sostitwit: IX. 2003.33.*

**6.** Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, il-Ministru jista' jeħtieġ lil kull persuna f'Malta tipprovdi dik il-kjarifika u, jew informazzjoni skond ma l-Ministru jista' jqis li

tkun meħtieġa għall-fini li tiġi żgurata konformità ma' regolamenti magħmulin taħt Taqsima II ta' dan l-Att.

**7.** Il-Ministru jista' b'regolamenti jeħtieġ persuna tiddikjara lill-Kontrullur tad-Dwana meta dik il-persuna tkun importat jew esportat biljetti tal-flus u muniti li jkollhom l-euro bħala denominazzjoni tagħhom u, jew f'muniti barranin, u, jew munita barranija, u, jew strumenti monetarji, u, jew metalli prezzjużi, u, jew ħaġar prezzjuż ġewwa jew minn Malta f'dawk l-ammonti skond ma jista' jkun speċifikat f'regolamenti u li tiżvela kull informazzjoni oħra bħal dik skond ma jista' jiġi preskritt f'regolamenti dwar kull importazzjoni u esportazzjoni bħal dawk.

Dikjarazzjoni dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' muniti.
*Sostitwit: IX. 2003.33; III. 2004.110.*
*Emendat: A.L. 411 ta' l-2007.*

**8.** Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Att, il-Ministru jista' wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali u l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika b'regolamenti li jkunu jeħtieġu lil xi persuna f'dak iż-żmien u b'dak il-mod skond ma jista' jiġi ordnat li jagħti lill-Ministru, jagħti dik l-informazzjoni, prospett jew dettall ieħor li jkollu x'jaqsam ma' transazzjonijiet esterni skond ma jista' jinħtieġ li jiġbor, jikkompila u jxerred informazzjoni statistika dwar transazzjonijiet esterni.

Informazzjoni statistika.
*Sostitwit: IX. 2003.33.*

**9.** (1) Ħlief għall-fini ta' xi prosekuzzjoni għal xi reat kontra l-Att, ebda informazzjoni li tista' tkun relatata ma' persuna identifikabbli u li tinkiseb taħt dan l-Att ma għandha tixxerred, tintwera jew titwassal lil xi persuna jew korp mingħajr il-kunsens bil-miktub ta' l-individwu jew ta-rrappreżentant tiegħu.

Ma għandhiex tixxerred informazzjoni.
*Sostitwit: IX. 2003.33.*
*Emendat: II. 2005.16.*

(2) Minkejja d-disposizzjoni tas-subartikolu (1), il-Ministru jista' jiżvela kull informazzjoni li tiġi pprovduta jew miksuba taħt dan l-Att, ukoll meta din ikollha x'taqsam ma' persuna identifikabbli, xi korp jew awtorità f'Malta responsabbli għall-ġbir ta' xi taxxa, u jista' jagħmel l-istess, abbażi ta' ftehim ma' stati oħra li jipprovdi dwar l-iskambju reċiproku ta' dik l-informazzjoni, jiżvela informazzjoni lil korpi jew awtoritajiet bħal dawk fl-istati:

Iżda:

(*a*) il-korpi u l-awtoritajiet li lilhom tiġi żvelata l-informazzjoni huma soġġetti għal obbligi ta' segretezza li huma ekwivalenti għal dawk li japplikaw taħt il-liġijiet ta' Malta; u

(*b*) tinkiseb obbligazzjoni minn dawk il-korpi u awtoritajiet li l-informazzjoni pprovduta tintuża biss għall-finijiet li tkun intalbet dwarhom u li tkun se tinżamm kunfidenzjali u ma tkunx se titwassal lil ħadd jekk dan ma jkunx impjegat mill-awtoritajiet u li ma jkunx soġġett għal xi dmir ta' segretezza bħal dak dwar dik l-informazzjoni.

**10.** (1) Regolamenti taħt dan l-Att li jimponu restrizzjonijiet fuq transazzjonijiet, jew xi obbligu li jsir xi rapport, tiġi pprovduta statistika jew informazzjoni oħra jistgħu wkoll jipprovdu:

Reati u pieni.
*Sostitwit: IX. 2003.33.*
*Emendat: III. 2004 111; A.L. 411 ta' l-2007..*

(*a*) li kull min jikser xi disposizzjoni tagħhom ikun ħati ta' reat u jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf, ħames mija u sebgħa u tmenin euro u

sebgħa u erbgħin ċenteżmu (46,587.47);

(*b*) dwar il-konfiska ta' kull flejjes, strumenti monetarji jew affarijiet oħra li ma jkunux ġew dikjarati skond regolamenti magħmulin taħt l-artikolu 7;

(*ċ*) dwar pieni amministrattivi minflok proċeduri kriminali, il-proċeduri adottati għaldaqstant kif ukoll il-proċeduri biex isiru appelli minn sentenzi li jkollhom x'jaqsmu ma' dan quddiem it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji f'dak iż-żmien u taħt dawk il-kondizzjonijiet bħalma hemm stabbiliti taħt l-artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jew dak il-korp ieħor li jista' jiġi ordnat.

Kap. 330.

(2) Ma jistgħu jinbdew ebda proċeduri kriminali għal xi reat taħt dawk ir-regolamenti mingħajr il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali.

Reati.
*Emendat:*
*II. 2002.35;*
*IX. 2003.34.*

**11.** (1) Kull persuna li, wara li tkun irregistrat xi assi eliġibbli skond u matul il-perjodu li jista' jiġi stabbilit f'xi skema li tista' minn żmien għal żmien issir mill-Ministru, li kieku ma kienx għad-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, kienet tinstab ħatja li tkun kisret xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa taħt l-artikolu 39(1) ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju kif dan kien fis-seħħ fl-1 ta' Lulju, 2003, jew kull liġi oħra li l-Ministru jista' jordna, għandha tiġi meqjusa bħallikieku ma tkun għamlet ebda reat taħt dak l-artikolu 39 jew xi liġi oħra skond ma jkun ordnat fil-perjodu qabel dik ir-reġistrazzjoni, fir-rigward ta' tali assi eliġibbli hekk reġistrati jew flus jew oġġetti oħra rrappreżentati minn tali assi eliġibbli hekk reġistrati.

(2) Il-Ministru jista' b'regolamenti taħt dan is-subartikolu, jagħmel skemi għar-reġistrazzjoni ta' assi eliġibbli u mar-reġistrazzjoni ta' dawk l-assi eliġibbli skond dik l-iskema, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom japplikaw u l-assi eliġibbli hekk reġistrati jistgħu jkomplu jiġu miżmuma kif miżmuma qabel id-data tar-reġistrazzjoni mingħajr il-ħtieġa li jinkisbu dawk il-permessi jew li jitħarsu dawk il-ħtiġiet taħt din il-liġi jew xi liġi oħra skond ma jista' jiġi ordnat.

(3) (*a*) Skema magħmula mill-Ministru skond is-subartikolu (2) tista' timponi dawk il-kondizzjonijiet li l-Ministru jidhirlu li jkunu xierqa u tista', mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan hawn qabel imsemmi, tinkludi -

(i) il-ħlas ta' dak id-dritt li jista' jiġi stabbilit fl-iskema li ma jkunx dritt ta' aktar piż mit-taxxa li kieku kienet tkun dovuta taħt il-liġijiet relevanti;

(ii) il-mod kif għandu jitħallas u jiġi reġistrat dak id-dritt;

(iii) il-mod kif għandha ssir u tigi reġistrata; u

(iv) dawk iċ-ċirkostanzi li taħthom kull assi jista' ma jiġix registrat.

(*b*) Għall-finijiet tal-paragrafu (*a*), il-frazi "ligijiet relevanti" għandha l-istess tifsira bħalma hu mogħti lilha fl-artikolu 9B ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*. Kap. 123.